MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 203/2009

Kawza fil-lista: 38

**A sive B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino u**
**l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri D E**
**li twieldet fis-26 ta' Jannar 2009, F C,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fl-1 ta' Mejju, 2000, l-esponenti zzewweg lill-konvenuta F C.

2. Illi fis-26 ta’ Jannar, 2009, twieldet il-minuri D E, liema minuri giet registrata bhala l-wild naturali tal-esponenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikat ta’ twelid anness u mmarkat bhala Dok. A.

3. Illi l-minuri D E m’ hijix il-bint naturali tal-esponenti, hekk kif jirrizulta mit-test tad-DNA anness u mmarkat bhala Dok. B.

4. Illi l-istess konvenuta F C kkonfermat li l-minuri D E m’ hijix il-bint naturali tal-esponenti, izda twieldet minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-istess F C kellha ad insaputa tal-esponenti.

5. Illi l-esponenti ma jridx li jibqa’ jigi indikat bhala missier il-minuri D E.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi:

a. Tiddikjara li l-minuri D E li twieldet fis-26 ta’ Jannar, 2009, m’ hijix il-wild naturali tal-esponenti.

b. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri D E li twieldet fis-26 ta’ Jannar, 2009, fis-sens li jitnehhew il-konnotati kollha tal-esponenti minn fuq l-istess Att tat-Twelid.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta’ denegata paternita’ r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa ta’ l-anqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent m' huwiex edott mill-fatt li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ;

3. Illi subordinatament f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A C, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 854 tas-sena 2009. Fuq l-istess linji ghandhom ukoll jigu mhassra l-kliem 'the father' mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni ;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza isC.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta F C li biha qabblet mat-talbiet attrici, izda kkontestat il-kap ta' l-ispejjez;

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA prezentati u mahlufa mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D E,

[1] Fol.48 *et seq.* u 66 *et seq.*

mwielda mill-konvenuta F C fis-26 Jannar 2009, ghalkemm registrata fuq l-att tat-twelid taghha numru 854/09 bhala bint l-attur, fil-fatt mhijiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Illi matul iz-zwieg taghha ma' l-attur, il-konvenuta F C kellha relazzjoni stabbli ma' terz, li tirrizali ghas-sena 2005. Minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla fuq indikata.

L-attrici tghid li meta z-zwieg taghha beda sejjer hazin, hija dahlet f' relazzjoni ma' terza persuna f' Settembru 2005. Din ir-relazzjoni extra matrimonjali taghha kienet wahda stabbli, u l-attrici tghid li kien ikollhom relazzjonijiet intimi regolari. Eventwalment fis-sena 2008 hija harget tqila minn din il-persuna, u fis-26 Jannar 2009 twieldet it-tifla Kiezah E.

Hija teskludi li din it-tifla hija l-wild ta' l-attur peress li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu waqqfu. Inoltre, ir-rizultanzi tar-rapporti xjentifici jikkonfermaw din it-tezi, u cioe' li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifla Kiezah E li twieldet mill-konvenuta F C fis-26 Jannar 2009 mhijiex il-wild naturali ta' l-esponent; u konsegwenzjalment tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 854/09 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez jkunu kollha a kariku tal-konvenuta F C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------